**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Bishal Mizar**

**Kumpilazzjoni Nru. 291/2025 AC**

**Illum, 21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Bishal Mizar** ta' 30 sena, iben Ramesh u Sonu, imwieled in-Nepal nhar it-03 ta' Diċembru 1994, residenti fil-fond The White House, Flat 4, Triq Nazju Ellul, Gżira u/jew St. Cross, Flat 2, Triq ir-Rixtellu, Luqa u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 238206A, li kien akkużat talli bejn il-15 ta' Marzu 2025 u l-1 t'April 2025, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-fond The White House, Flat 4, Triq Nazju Ellul, il-Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna **Anita Magrati** (persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni miegħu kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le) biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna

msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel minn membru tal-familja jew persuna li tgħix mal-vittma u/jew twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 251B(1), 251B(2), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Anita Magrati** (persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni miegħu kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess **Anita Magrati** u ċioe' feriti ta' natura ħafifa kif ċertifikat minn Dr. Emma Scicluna Med Reg 8318 u Dr. Martina Spiteri Bailey Med Reg 8130 u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 214, 221(1), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil **Anita Magrati** fil-pussess ta' ħwejjiġha jew b'xi mod ieħor kontra l-Liġi, indaħal fi ħwejjeġ **Anita Magrati** u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 85(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ħebb kontra **Anita Magrati** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha l-ħsara kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil **Anita Magrati** u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-

Artikolu 49(ċ) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Bishal Mizar** għall-benefiċċju ta' **Anita Magrati** u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' **Anita Magrati** u dan f'każ ta' ħtija ma' kull piena li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, din il-Qorti tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest nhar it-3 t'April 2025 quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Monica Vella, u l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Omar Zammit qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/811/2025[3];

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess, u l-akkużi maħlufa bil-ġurament a fol 6 *et seq* tal-proċess

[2] Ara a fol 9 tal-proċess

[3] Ara Dok ZO1 a fol 10 *et seq* tal-proċess

2. *NPS PCR Person Details* tal-imputat[4];

3. Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat datat it-2 t'April 2025[5];

4. *Danger Assessment* rigward **Anita Magrati** datat l-1 t'April 2025[6];

5. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar it-2 t'April 2025[7];

6. *Envelope* kontenenti r-*Residence Permit* tal-imputat[8];

7. Vera Kopja tal-Passaport tal-imputat[9];

8. CD li fiha l-Istqarrija Awdjoviżwali tal-imputat[10];

9. Dikjarazzjoni tal-imputat rigward id-dritt tiegħu għall-Assistenza Legali[11];

10. Ċertifikat Mediku a favur **Anita Magrati** maħruġ mid-Dipartiment tal-Genkoloġija tal-Isptar Mater Dei datat it-2 t'April 2025[12];

11. Ċertifikat Mediku a favur **Anita Magrati** maħruġ minn Dr. Emma Scicluna (MR: 8318) datat l-1 t'April 2025[13];

12. Ċertifikat Mediku a favur **Anita Magrati** maħruġ minn Dr. Martina Spiteri Bailey (MR: 8130) datat it-2 t'April 2025[14];

---

[4] Ara a fol 15 tal-proċess
[5] Ara Dok ZO2 a fol 16 tal-proċess
[6] Ara Dok ZO3 a fol 17 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok ZO4 a fol 25 tal-proċess
[8] Ara Dok ZO5 a fol 26 tal-proċess
[9] Ara Dok ZO6 a fol 27 tal-proċess
[10] Ara Dok ZO7 a fol 28 tal-proċess
[11] Ara Dok ZO8 a fol 29 tal-proċess
[12] Ara Dok ZO9 a fol 30 tal-proċess
[13] Ara Dok ZO10 a fol 31 tal-proċess
[14] Ara Dok ZO11 a fol 32 tal-proċess

13. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[15];

14. Rikors ta' **Anita Magrati** sabiex tixhed permezz tal-*videoconference*[16];

15. Nota ta' **Anita Magrati** sabiex tikkostitwixxi ruħha bħala *Parte Civile* f'dawn il-proċeduri[17];

16. *Envelope* li fih il-Passaport tal-imputat[18].

Rat li fis-seduta tas-16 t'April 2025[19], dehret Dr. Ilona Schembri bħala Avukat tal-Għajnuna Legali li nformat lil din il-Qorti li kienet maħtura sabiex tassisti lill-imputat fil-proċeduri odjerni iżda sussegwentement l-imputat għażel li jingaġġa Avukat privat, u għalhekk din il-Qorti eżentat lil Dr. Ilona Schembri milli tkompli tippatroċinja lill-imputat bħala Avukat tal-Għajnuna Legali. Fil-fatt waqt l-istess seduta l-imputat kien legalment assistit minn Dr. Jacob Magri;

Rat li fl-istess seduta tas-16 t'April 2025[20], il-partijiet iddikjaraw li fil-ġurnata msemmija r-Reġistru tal-Qorti kien magħluq, pero' b'mod konġuntiv anke *ai fini* ta' speditizza *stante* li l-imputat kien jinsab taħt arrest, talbu lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-ftuħ tar-Reġistru bil-għan li tinżamm is-seduta odjerna, liema talba kienet milqugħa minn din il-Qorti;

Rat illi fl-istess seduta[21] l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

---

[15] Ara Dok ZO12 a fol 33 tal-proċess
[16] Ara a fol 36 tal-proċess
[17] Ara a fol 37 tal-proċess
[18] Ara Dok OZ1 a fol 41 tal-proċess
[19] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 38 *et seq* tal-proċess
[20] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2025 a fol 38 *et seq* tal-proċess
[21] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2025 a fol 38 *et seq* tal-proċess

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ippruvati;

Rat illi fis-seduta tas-16 t'April 2025[22] din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat a favur il-*Parte Civile* **Anita Magrati** permezz ta' digriet mogħti fl-istess ġurnata[23], b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha bl-eċċezzjoni tal-ulied li għad iridu jitwieldu u fuq l-istess meta eventwalment jitwieldu;

Rat li fl-istess seduta[24], din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest permezz ta' digriet mogħti fl-istess jum[25];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tas-16 t'April 2025;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[22] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 38 *et seq* tal-proċess
[23] Ara a fol 42 tal-proċess
[24] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2025 a fol 38 *et seq* tal-proċess
[25] Ara a fol 43 *et seq* tal-proċess

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli talli bejn il-15 ta' Marzu 2025 u l-1 t'April 2025, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-fond The White House, Flat 4, Triq Nazju Ellul, il-Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna **Anita Magrati** (persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni miegħu kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le) biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel minn membru tal-familja jew persuna li tgħix mal-vittma u/jew twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 251B(1), 251B(2), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Anita Magrati** (persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni miegħu kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess **Anita Magrati** u ċioe' feriti ta' natura ħafifa kif ċertifikat minn Dr. Emma Scicluna Med Reg 8318 u Dr. Martina Spiteri Bailey Med Reg 8130 u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 214, 221(1), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil **Anita Magrati** fil-pussess ta' ħwejjiġha jew b'xi mod ieħor kontra l-Liġi, indaħal fi ħwejjeġ **Anita Magrati** u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 85(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ħebb kontra **Anita Magrati** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha l-ħsara kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil **Anita Magrati** u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(ċ) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi tal-Liġijiet ta' Malta.

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrikwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[26], li jfisser li din il-Qorti frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, l-imputat

[26] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel dehra li kellu quddiem din il-Qorti qabel ma l-Prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi tagħha;

2. In-natura u l-portata tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħhom, li minbarra li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[27] u "familja jew unita' domestika"[28] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqgħu ukoll taħt il-kappa tar-reat kontinwat a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tenut kont il-fatt li r-reati in deżamina saru fuq medda ta' żmien;

3. Dak dikjarat mill-partijiet fit-trattazzjoni tagħhom fis-seduta tas-16 t'April 2025, u ċioe' li piena karċerarja fil-konfront tal-imputat ma tkunx waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi, senjatament li l-*Parte Civile* hija tqila b'tewmin mill-imputat u l-bżonn tal-imputat li jindirizza l-problema tiegħu ta' rabja;

4. Il-Fedina Penali netta tal-imputat.

Tenut kont dawn il-fatturi kollha għalhekk, din il-Qorti tibda biex tqis li filwaqt li ma tistax tinjora l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet (speċjalment meta wieħed iqis li dawn saru fuq il-*Parte Civile* li hija tqila b'tewmin mill-imputat), u filwaqt li din il-Qorti m'hija bl-ebda marbuta li żżomm mal-qbil tal-Prosekuzzjoni u d-Difiża rigward il-piena li għandha tkun inflitta tant li f'ċirkostanzi differenti kienet tkun propensa titratta mal-imputat b'mod aktar sever, (kif wara kollox għandha s-setgħa li tagħmel), l-Qorti tara li piena karċerarja fil-konfront tal-imputat ma tkunx idoneja, u li jkun aktar utli li tkun indirizzata l-problema li wasslet għall-akkadut mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioe' r-rabja tal-imputat li għandu bżonn jitgħallem jikkontrolla. Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li hemm bżonn li toħloq bilanċ

---

[27] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[28] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe' s-segwenti:

> "(a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni, attwali jew passati u uliedhom;"
>
> "(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima;"

bejn l-aspett ġuridiku u l-aspett soċjali ta' każijiet ta' Vjolenza Domestika u filwaqt li għandha d-dover li tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tipproteġi l-benesseri tal-*Parte Civile*, huwa wkoll għall-ġid tal-istess *Parte Civile,* tal-imputat innifsu u tat-tewmin li ser ikollhom in komuni li minflok tinfliġġi piena karċerarja, l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament sabiex il-problema tal-imputat tkun indirizzata b'mod olistiku.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 202(h)(i), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(f), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 339(1)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Bishal Mizar ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' mitejn (€200) Ewro,** pero' *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda wkoll tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati **Bishal Mizar** taħt **Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza**, b'dan illi l-ħati **Bishal Mizar** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lil **Bishal Mizar** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **Bishal Mizar**:

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Bishal Mizar** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tar-rabja, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Bishal Mizar** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni; Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Bishal Mizar** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Bishal Mizar** favur il-*Parte Civile* **Anita Magrati** **għal żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza**, b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha ad eċċezzjoni tat-tewmin li ser ikollhom in komuni u kwalunkwe dritt t'aċċess li jista' jirriżulta minn wara t-twelid tagħom, kif kwalunkwe komunikazzjoni mal-*Parte Civile* dwar l-istess tewmin, liema Ordni għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Bishal Mizar** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**